**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dr Joanne Vella Cuschieri B.A., Mag. Jur. (Eur. Law.) LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 13 ta' Lulju 2018**

**Rikors tar-revoka Numru:- 63/2010 JVC**

**Anthony Camilleri, John Camilleri, Agnes mart il-mejjet Nazzareno Camilleri li qed tidher ghan-nom taghha kif ukoll ghan-nom ta' uliedha David, Kevin u Nathalie mizzewga Hili u Michael Camilleri**

**vs**

**Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex u b'digriet tas-6 ta' Ottubru 2017 gew kjamati fil-kawza Maria Camilleri, Robert Camilleri, Mary Louise Muscat, Lilian Gatt, Stephen Camilleri u Dennis Camilleri u b'digriet tat-23 ta' Frar 2018 gew kjamati fil-kawza Dr Philip Magri, Profs. Ian Refalo u Dr Sarah Grech**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti illi esponew:

Illi permezz ta' sentenza moghtija fis-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) din l-Onorabbli Qorti ddecidiet ic-citazzjoni numru 63/2010 fl-ismijiet 'Camilleri Anthony pro et noe et vs Camilleri Maria'.

Illi sussegwentement gew intaxxati l-ispejjez gudizzjarji kif riflessi fit-taxxa li giet rilaxxata fis-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u li kopja taghha qed tigi hawn annessa u markata bhala Dokument A.

Illi l-esponenti qeghdin permezz tal-prezenti procedura jattakkaw din it-taxxa u dan ghar-ragunijiet li gejjin:

Illi d-dritt tar-registru tal-kawza, dritt tal-avukati ghall-kawza gew intaxxati fl-ammonti ta' €12,403.20 u €13,032.40c rispettivament.

Illi l-esponenti qeghdin jikkontestaw dawn l-ammonti u dan peress illi dawn huma ammonti gonfjati u esagerati illi gew ingustament intaxxati ghad-detriment tal-esponenti;

Illi huma qeghdin jikkontestaw dawn l-ammonti u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Preliminarjament minhabba l-fatt illi l-kawza in kwistjoni kienet titratta d-dritt tal-legittima tal-esponenti u mhux ghad-divizjoni tal-beni kollha tal-eredita' tal-genituri tal-kontendenti;

2. Illi t-taxxa nhadmet fuq il-valur tal-beni kollha tal-eredita' u mhux fuq il-legittima li tohrog mill-istess beni u dan minkejja li din kienet

kawza ghal-legittima u allura kien qed jintalab il-hlas tal-legittima u mhux id-divizjoni tal-beni.

3. Illi minghajr pregudizzju ghal dak suespost, il-valuri attribwiti ghall-proprjetajiet li jifformaw parti mis-successjoni ghall-finijiet tad-dikjarazzjoni ta' trasferiment *causa mortis* gew stmati sebgha u erbghin elf u sbatax-il lira Maltin (Lm47,017).

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bil-qima lil dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna r-ritassa tad-dritt tar-registru u dritt tal-avukat fil-kawza fl-ismijiet 'Anthony Camilleri pro et noe et vs Maria Camilleri et' (Cit. Nru. 63/2010) kif deciza minn dina l-Onorabbli Qorti fis-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u dan ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dana illi d-dritt tar-registru u dritt tal-avukat ghal din il-kawza jigi mnaqqas.

Rat ir-risposta tar-Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex fejn espona:

1. Illi preliminarjament l-azzjoni promossa hija nulla u monka in kwantu din hija kawza ta' ritassa li kellha tigi diretta kontra kull min jista' jigi milqut mit-taxxa li qed tigi attakkata. It-taxxa ma tolqotx biss lill-atturi, izda lill-partijiet kollha u lid-difensuri taghhom li kienu nvoluti fil-kawza li taghha qed tintalab il-bidla fit-taxxa u cioe' l-kawza 'Anthony Camilleri pro et noe et vs Maria Camilleri et' bin-numru 63/2010 (JVC) deciza 7 ta' Marzu 2017, u ghalhekk tali partijiet kellhom jigu nkluzi *ad validitatem* f'din il-kawza ta' ritassa kif trid il-Ligi per artikolu 64(2) Kap 12.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost fil-meritu t-talba attrici hija ghal kollox infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda *in toto* bl-ispejjez ghar-ragunijiet esposti hawn taht.

3. Illi huwa fatt li din il-kawza tirrigwarda talba sabiex jigi likwidat u mhallas is-sehem riservat spettanti lill-atturi mill-wirt ta' Ursola Camilleri (vide talbiet attrici).

4. Illi biex il-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tal-legittima riedet bil-fors tillikwida l-assi ereditarji li allura dawn l-assi gew meqjusa bhala l-massa litigjuza tal-kawza kollha.

5. Illi minn qari akkurat tas-sentenza u tal-kawza fuq imsemmija jirrizulta li kien hemm kontestazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-assi ereditarji.

6. Illi t-taxxa hija korrettament mahduma anke ghaliex huwa ritenut li t-tassazzjoni tad-drittijiet gudizzjarji hija regolata mid-domanda. Illi l-kelma "domanda" m'ghandhiex biss is-sens limitat tal-pretiza kontenuta fl-atti tac-citazzjoni imma anke s-sens tal-kumpless tal-kontroversja li fuqha ghandha tinghata d-decizjoni (Micallef et vs Micallef et. Qorti Civili Prim Awla, 24 ta' Lulju 1946 Kollez. Vol XXXII.II.424);

7. Illi kien hemm diversi sentenzi li qalu li "dwar jekk it-taxxa tinhadimx fuq il-valur kollu tal-assi ereditarju jew biss fuq il-legittima

jew fuq it-tnejn flimkien, il-qorti tosserva illi, effettivament, kawza ghall-hlas tas-sehem riservat hija kawza ghall-qsim ta' proprjeta' gejja minn wirt – jekk is-sehem tal-attur huwiex gej minn testment jew *ab intestato* jew huwiex sehem riservat huwa ndifferenti. Ghalhekk id-dritt tal-avukati jinhadem fuq il-valur totali fl-assi, … … … L-istess principju jghodd fil-kaz tad-dritt tar-registru" (Ellul et vs Direttur Generali tal-Qorti et, Qorti tal-Appell, 30 ta' Novembru 2012. Ara wkoll is-sentenza Meilak vs Registratur tal-Qorti t'Ghawdex et, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)(Inferjuri), 6 ta' Dicembru 2011.

8. Ghaldaqstant it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti *in toto* bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

9. B'riserva ghall-eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat ir-risposta ta' l-avukat Dr Joseph Ellis fejn espona:

Illi huwa gie notifikat bir-rikors ta' ritassa odjern imma m'huwiex car jekk l-esponenti huwiex intimat jew le f'dina l-procedura u ghaldqstant, qed jitlob id-debita kjarifika.

Illi del resto l-esponenti jaderixxi *in toto* mar-risposta tar-Registratur tal-Qorti t'Ghawdex illi jaghmel tieghu ghall-fini u effetti tal-ligi;

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jixtieq jirrileva ukoll illi r-rikorrenti qeghdin jintaxxaw taxxa zbaljata ghax it-taxxa allegata mar-rikors promutur m'hijiex dik illi giet rilaxxata wara s-sentenza finali fis-sbatax (17) ta' Marzu (u mhux fis-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u ghaldaqstant, f'dan ir-rigward, l-azzjoni odjerna hija ukoll monka.

Illi del resto, l-ammonti ccitati mir-rikorrenti illi allegatament gew intaxxati bhala dritt tal-avukat (€25,600.80) m'huwiex korrett ghax l-ammont korrett huwa ta' €13,032.40 illi tenut kont il-valur qawwi tal-assi ereditarji, specjalment skont l-istima tal-perit Bonello imqabbad mill-istess rikorrenti, huwa pjuttost baxx. Illi d-dritt tal-avukat intaxxat f'dina l-kawza huwa in linea ma' dak precedentement intaxxat mir-Registratur tal-Qorti t'Ghawdex fir-rigward tad-drittijiet u spejjez inkorsi fil-kawza "Anthony Camilleri et vs Maria Camilleri et" (Citaz. Nru. 135/97AE), liema kawza giet ikkancellata fl-10 ta' Novembru 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) u dana minkejja z-zieda konsiderevoli fil-valur tal-assi mmobiljari fit-trapass ta' zmien bejn kawza u ohra.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta ta' Maria armla ta' Peter Camilleri, Lilian mart George Gatt u Mary Louise mart Raymond Muscat, Robert, Stephen u Dennis Camilleri fejn esponew:

Illi l-esponenti jaderixxu *in toto* mar-risposti tar-Registratur tal-Qorti t'Ghawdex u tal-avukat Joseph Ellis illi jaghmlu taghhom ghall-fini u effetti tal-ligi.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, dina l-kawza m'hijiex integra ghaliex mhux il-partijiet interessati kollha gew citati in kawza u ghalhekk ghandhom jigu kjamati in kawza l-legali tar-rikorrenti.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jixtiequ jirrilevaw ukoll illi r-rikorrenti qeghdin jintaxxaw taxxa zbaljata ghax it-taxxa allegata mar-rikors promutur mhijiex dik illi giet rilaxxata wara s-sentenza finali fis-sbatax (17) (u mhux fis-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u ghaldaqstant, f'dan ir-rigward, l-azzjoni odjerna hija wkoll monka.

Illi del resto, l-ammonti ccitati mir-rikorrenti illi allegatament gew intaxxati bhala dritt tal-avukat (€25,600.80) mhuwiex korrett ghax l-ammont korrett huwa ta' €13,032.40 illi tenut kont il-valur qawwi tal-assi ereditarji, specjalment skont l-istima tal-perit Bonello imqabbad mill-istess rikorrenti, huwa pjuttost baxx. Illi d-dritt tal-avukat intaxxat f'dina l-kawza huwa in linea ma' dak precedentement intaxxat mir-Registratur tal-Qorti t'Ghawdex fir-rigward tad-drittijiet u spejjez inkorsi fil-kawza fl-ismijiet " Anthony Camilleri et vs Maria Camilleri et" (Citaz. Nru. 135/97 AE), liema kawza giet ikkancellata fl-10 ta' Novembru 2009 mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Generali wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) u dana

minkejja z-zieda konsiderevoli fil-valur tal-assi mmobiljari fit-trapass ta' zmien bejn kawza u ohra.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta ta' Profs Ian Refalo u Dr Sarah Grech fejn esponew:

Dwar il-fatti:

1. Illi fil-mertu l-esponenti ma ghandhomx x'jikkummentaw dwar ir-rikors ta' ritassa tat-3 ta' April 2017 hlief illi huma jirrimettu ruhhom ghad-decizjoni tal-Qorti, tkun xi tkun.

2. Illi l-esponenti ma ghandhomx ibatu spejjez ta' din il-procedura anke ghaliex ma kienux huma li talbu r-ritassa u ghaliex dwar il-mertu huma qed jirrimettu ruhhom kompletament ghad-decizjoni tal-Qorti.

Bl-ispejjez.

Rat illi permezz tal-verbal tas-6 ta' Ottubru, 2017 din il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti sabiex jigu kjamati fil-kawza l-konvenuti kollha originarjament fl-atti tar-rikors numru 63/2010;

Rat illi permezz tal-istess verbal ordnat l-allegazzjoni tal-atti tar-rikors numru 63/2010 u rat l-istess atti;

Rat ix-xhieda tas-Sur Anthony Mizzi Assistent Registratur fil-Qorti t'Ghawdex li sostna a fol 24 li stante li l-kawza in kwistjoni kienet kawza dwar likwidazzjoni ta' sehem riservat u spjega li meta jkun hemm kontestazzjoni dwar il-*quantum* tas-sehem riservat it-taxxa tinhadem fuq il-valur kompless tal-wirt. Esebixxa wkoll a fol. 36 et seq tal-process it-taxxa korretta stante li dik esebita mir-rikorrenti kienet taxxa come ceduta. Rat illi fil-fatt ir-rikors promotorju gie korrett fit-termini ta' din it-taxxa kif esebita.

Rat illi permezz tal-verbal datat 23 ta' Frar, 2018 din il-Qorti ordnat il-kjamat fil-kawza ta' Dr. Philip Magri, tal-Professur Ian Refalo u ta' Dr. Sarah Grech.

Rat ukoll ix-xhieda ulterjuri tas-Sur Anthony Mizzi datata 4 ta' Mejju, 2018 fejn insista li ma kien sar xejn differenti minn dak li jsir f'kawzi ohra u li kien normali li f'kazijiet simili t-taxxa tigi kalkolata kif fil-fatt sar.

Rat illi permezz tal-verbal tal-4 ta' Mejju, 2018 ir-rikors thalla ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom.

Rat is-sottomissjonijiet fl-atti.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi b'zieda mal-gurisprudenza gia kkwotata fir-risposti suesposti minn fejn jirrizulta li anki f'kazijiet ta' talba ghall-hlas tas-sehem risevat id-dritt

tal-avukati jinhadem fuq il-valur totali tal-assi ereditarji, il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Carmelo Galea vs Silvio Zammit et**[1]**:**

*"B'introduzzjoni ghat-tieni motiv ta' aggravju jibda biex jinghad b'ripetizzjoni in bazi ghall-gurisprudenza affermata illi "t-tassazzjoni ta' kawza ghandha tigi regolata mit-talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni, mhux fis-sens limitat ghas-semplici nkartament, izda fis-sens ta' l-oggett taghha; u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (quod disputatum est) jista' jigi ragonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni ta' l-istess kawza, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jigi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jigu proposti jkunux akkolti jew michuda" ("****Avv. Dr. Giuseppe Pace et -vs- Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et****", Prim' Awla, Qorti Civili, 1 ta' Ottubru, 1948). Ugwalment, gie ritenut illi "meta l-massa litiguza jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni ghandha tigi regolata fuqu; jigifieri ghandu jigi studjat u ezaminat x'ikun l-oggett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir ad valorem " Prim' Awla, Qorti Civili, 9 ta' Frar, 1951). Dejjem fl-istess sens id-decizjoni fl-ismijiet "****Leslie Grech nomine -vs- Frank Abela et****", Prim' Awla, Qorti Civili, 25 ta' Jannar, 2002 u "****Loris Bianchi et -vs- Dottor Victor Borg Costanzi nomine****", Appell Civili, 17 ta' April, 1978;"*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Adelaide Ellul et vs Direttur Generali tal-Qorti et**[2] gie ritenut li *"f'dan is-sens hija relevanti s-sentenza fl-ismijiet* ***"Salvino***

[1] Appell Civili 4/2008PS deciz fil-15 ta' Lulju, 2009
[2] Cit Nru 1027/2006RCP deciza fis-26 ta' Marzu, 2009. Gie interpost appell minn din is-sentenza liema appell ghadu *sub judice*

***Ellul Bonnici vs Dr. Edgar Buhagiar et"*** *(A.C.– 7 ta' Ottubru 1960) fejn inghad li l-valur tal-kawza tant ghall-finijiet ta' kompetenza kemm ghall-finijiet ta' tassazzjoni, jitqies fuq id-domanda, u mhux fuq l-interess effettiv, jew interess pekunarju jew patrimonjali li l-attur jista' jkollu fl-ezitu tal-kawza, ghaliex hawn qed issir riferenza biss ghal dak li huwa l-interess guridiku, li huwa ben differenti mit-talbiet attwalment imposti. Dan huwa iktar relevanti f'dak li gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet* ***"Albert Bezzina Wettinger vs r-Registratur tal-Qorti et"*** *(P.A. (JRM) – 5 ta' Gunju 2003) li kawza tigi ntaxxata ad valorem meta jkollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-ligi jew mill-process, tant li nghad li 'fil-fehma tal-Qorti, dan ifisser li l-valurizzazzjoni tal-azzjoni tista' ssir mhux biss mill-att promotur, imma wkoll minn kull taghrif jew prova li tinsab fl-atti". F'dan is-sens ukoll hija s-sentenza* ***"Carmelo Axiak vs Dr. Giuseppe Vella nomine et"*** *(Vol. XXXV.ii.361)".*

Illi l-Qorti fehmet l-argument imressaq mill-uniku xhud li tressaq is-Sur Anthony Mizzi in rapprezentanza tar-Registatur tal-Qorti ta' Ghawdex u kkonfermat li fil-kalkolazzjoni tat-taxxa odjerna ma ttiehdet l-ebda procedura legali diversa minn dak li jsir f'kazijiet simili. Rat illi t-taxxa giet mahduma fuq il-massa litigjuza rizultanti mill-atti u cioe' l-valur tal-eredita' li fuqha ntalbet il-hlas tas-sehem riservat nonostante li finalment it-talbiet attrici ma gewx milqugha, w'ghaldaqstant ma ssib l-ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn ghandha tordna li tigi varjata t-taxxa kif mahduma.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, din il-qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet tar-rikorrenti.

Spejjez kollha a karigu ta' l-istess rikorrenti.

(ft.) Dr. Joanne Vella Cuschieri
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

D/Registratur